# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM l-Erbgħa, 28 ta' Ġunju, 2017

**Kawża Nru 37**

**Rik. Nru. 506/11JRM**

Karen **AXISA**

vs

James **VELLA** u Citadel Insurance p.l.c.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta' Mejju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi titlob li din il-Qorti (i) ssib l-imħarrek James Vella ħati għall-inċident tat-traffiku li seħħ fl-24 ta' April, 2008, u li fih il-vettura misjuqa minnu baqgħet dieħla ġol-vettura misjuqa minnha waqt li kienet wieqfa fid-dwal fi Triq Sant'Andrija, fis-Swieqi, limiti ta' San Ġiljan, u f'liema inċident hija ġarrbet ġrieħi li ma jgħaddux; (ii) tillikwida d-danni mġarrba b'riżultat ta' dan l-inċident u (iii) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuha d-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-27 ta' Mejju, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-17 ta' Ġunju, 2011, li biha l-imħarrek Vella laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qal li l-azzjoni ma tiswiex billi t-talbiet attriċi imorru kontra l-artikolu 156(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex it-talbiet ma humiex enumerati. Fil-mertu, ċaħad li fl-24 ta' April, 2008 kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CAG 771, kif premess. Ċaħad ukoll li għandu jagħmel tajjeb għal xi danni lill-attriċi;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-24 ta' Ġunju, 2011 li biha l-kumpannija mħarrka Citadel Insurance p.l.c. laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalet li l-azzjoni hija nieqsa minn formalita' meħtieġa skond il-liġi u għaldaqstant hija nulla, kif ukoll hemm nuqqas ta' kjarezza kontra min infetħet il-kawża u x'inhu s-sehem li l-attriċi titfa' fuq il-kumpannija mħarrka għad-danni li hija tgħid li ġarrbet. Tgħid ukoll illi l-azzjoni hija preskritta għall-finijiet tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, ċaħdet li l-partijiet kienu qed isuqu l-vetturi msemmija mill-attriċi; ċaħdet li l-attriċi tassew ġarrbet danni u tgħid li l-attriċi għandha tressaq il-prova dwar id-danni allegatament imġarrbin minnha;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Ottubru, 2011[2], li bih ħatret lill-kirurgu Massimo Abela bħala perit mediku sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attriċi, wara li jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ. Ħatret ukoll lill-avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor ix-xhieda tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-2 ta' Diċembru, 2011[3], li bih bidlet lill-kirurgu Massimo Abela bil-kirurgu Charles Grixti, għar-raġunijiet hemm imsemmija;

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit mediku kirurgu Charles Grixti tal-25 ta' Mejju, 2012[4], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tat-3 ta' Lulju, 2013;

Rat il-mistoqsijiet imressqa mill-attriċi fl-14 ta' Ottubru, 2012[5], lill-perit mediku minnha eskuss u t-tweġibiet tiegħu għall-istess mistoqsijiet tal-14 ta' April, 2015[6];

---

[1] Paġ. 8 tal-proċess
[2] Paġ. 22 tal-proċess
[3] Paġ. 26 tal-proċess
[4] Paġġ. 66 – 71 tal-proċess

Rat is-surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[7], li biha l-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2015[8], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju minflok l-Avukat Cassar, sabiex tiġbor ix-xhieda li kien fadal tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Mejju, 2016[9], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fit-12 ta' Lulju, 2016[10];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka tal-25 ta' Lulju, 2016[11], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Rat li l-imħarrek ma ressaq l-ebda sottomissjoni minkejja li ngħata żmien biżżejjed biex jagħmel dan;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2016[12], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara ħabta bejn żewġ karozzi. L-attriċi kienet qed issuq il-karozza tagħha fi Triq San Andrija, Swieqi, meta l-imħarrek, li kien qed isuq warajha, baqa dieħol ġo fiha. Il-ħsarat li ġarrbet il-vettura tal-attriċi tħallset tagħhom u ma jidħlux fl-azzjoni tagħha tal-lum. It-talba attriċi hija limitata għad-danni li l-attriċi tgħid li ġarrbet b'riżultat tal-inċident u li fih indarbet b'mod li ma tfiqx għall-bqija ta' ħajjitha;

---

[5] Paġ. 76 tal-proċess
[6] Paġġ. 114 – 6 tal-proċess
[7] Paġġ. 92 – 3 tal-proċess
[8] Paġ. 146 tal-proċess
[9] Paġ. 164 tal-proċess
[10] Paġġ. 165 – 6 tal-proċess
[11] Paġġ. 167 – 177 tal-proċess
[12] Paġ. 180 tal-proċess

Illi l-imħarrek Vella laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qal li l-azzjoni ma tiswiex billi t-talbiet attriċi imorru kontra l-artikolu 156(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex it-talbiet ma humiex enumerati. Fil-mertu, ċaħad li fl-24 ta' April, 2008 kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CAG 771, kif premess. Ċaħad ukoll li għandu jagħmel tajjeb għal xi danni lill-attriċi;

Illi l-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Citadel") laqgħet billi, preliminarjament, qalet li l-azzjoni hija nieqsa minn formalita' meħtieġa skond il-liġi u għaldaqstant hija nulla, kif ukoll li hemm nuqqas ta' kjarezza kontra min infetħet il-kawża u x'inhu s-sehem li l-attriċi titfa' fuq Citadel għad-danni li hija tgħid li ġarrbet. Tgħid ukoll illi l-azzjoni hija preskritta għall-finijiet tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, ċaħdet li l-partijiet kienu qed isuqu l-vetturi msemmija mill-attriċi; ċaħdet li l-attriċi tassew ġarrbet danni u tgħid li l-attriċi għandha tressaq il-prova dwar id-danni allegatament imġarrbin minnha;

Illi b'degriet mogħti fis-26 ta' Ottubru, 2011[13], il-Qorti (diversament presjeduta) ordnat il-bidliet fir-Rikors Maħluf fl-'okkju' tal-kawża u billi t-talbiet jingħatalhom numru xieraq kull waħda u b'hekk l-ewwel eċċezzjoni ta' kull wieħed mill-imħarrkin ma fadlilhiex aktar siwi;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża</u> jirriżulta li fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' April, 2008, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar, l-attriċi kienet qed issuq fi Triq Sant'Andrija, ġewwa s-Swieqi, bil-karozza tagħha tal-għamla *Fiat Panda* bin-numru tar-registrazzjoni CAG 771, meta l-karozza ġiet milquta min-naħa ta' wara minn karozza tal-għamla *Volkswagen Passat* bin-numru ta' reġistrazzjoni ABQ 415, misjuqa mill-imħarrek Vella. Il-karozza tal-attriċi kienet wieqfa fuq dawl aħmar tas-sinjali tat-traffiku li hemm fl-inħawi. Il-karozza misjuqa mill-imħarrek Vella kienet assikurata ma' Citadel;

Illi dakinhar tal-inċident, l-attriċi kellha erbgħin (40) sena[14]. Hija kienet taħdem ġo lukanda[15] u, wara l-inċident, waqfet taħdem għal kollox[16] u kienet bdiet tirreġistra bħala persuna b'diżabilita';

Illi l-attriċi tgħid li minn fuq il-post tal-inċident, baqgħet sejra l-isptar tilmenta b'uġigħ f'għonqha. Hija tgħid li marret l-Isptar b'tal-linja wara li l-karozza tagħha irmunkawhielha[17]. Minn eżami li sarilha fl-isptar

[13] Paġ. 21 tal-proċess
[14] Ara kopja tat-*Traffic Accident Report* immarkat Dok. "MA2" f'paġġ. 46 – 51 tal-proċess
[15] Ara Dok. "KA1" f'paġġ. 78 – 89 tal-proċess
[16] Ara affidavit ta' l-attriċi f'paġ. 31 tal-proċess
[17] Xhieda tagħha f'paġ. 108 tal-proċess

dakinhar ħareġ li sofriet minn skoss f'għonqha (*hyperflexion extension injury*)[18];

Il-ħsara li ġarrbet il-vettura tal-attriċi issewwiet, u l-attriċi mhi qed titlob ebda kumpens lura f'din il-kawża għaliex tħallset[19];

Illi l-imħarrek Vella ammetta li ħabat mal-vettura ta' l-attriċi u li din kienet quddiem il-vettura misjuqa minnu meta seħħet il-ħabta[20], iżda jiċħad li lill-attriċi kkawżalha dannu ta' natura permanenti;

Illi l-attriċi tgħid li l-uġiegħ f'għonqha, wara l-inċident, baqgħet tħossu b'mod kontinwu[21], u li baqgħet taħt il-kura għal bosta xhur u wkoll tmur għat-terapija[22];

Illi fis-17 ta' Frar, 2010[23], l-attriċi bagħtet tinterpella lill-imħarrek Vella b'ittra uffiċjali sabiex jassumi r-responsabilita' tal-inċident. Għarrfitu wkoll bid-danni li ġarbet;

Illi jirriżulta li Citadel talbet lill-attriċi tattendi għal visti għand espert mediku mqabbad mill-istess Citadel, li ta il-fehmiet tiegħu dwar l-ilmenti tagħha[24];

Illi fl-24 ta' Mejju, 2011, infetħet din il-kawża;

Illi l-espert mediku maħtur mill-Qorti wasal għall-fehma li l-attriċi tassew qiegħda tbati minn debilita' u li din mhijiex sejra tgħaddi maż-żmien[25]. Wara li qies il-fatt li irriżulta li, dakinhar tal-inċident, hija kellha diġa' l-artrite, huwa wasal għall-fehma li d-debilita' tagħha minħabba l-istess inċident kienet fil-grad ta' wieħed fil-mija (1%);

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' natura legali, jibda biex jingħad illi mill-mod kif ħarġu l-provi hi u tinstema' l-kawża, jidher li d-dinamika tal-inċident ma tħallix wisq dubju dwar min jaħti għall-ħabta, bl-imħarrek Vella jistqarr li huwa laqat il-karozza tal-attriċi minn warajha. Madankollu, kemm hu u kemm Citadel ressqu eċċezzjonijiet kemm ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu li, qabel ma l-Qorti tistħarreġ l-azzjoni attriċi, jixraq li tindirizzahom;

[18] Ara x-xhieda tal-kirurgu Ray Gatt f'paġġ. 57 – 8 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda tal-attriċi in kontro-eżami f'paġġ. 108 – 9 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 105 tal-proċess, kif ukoll ix-xhieda tal-Warden Rita Micallef li aċċediet fuq is-sit tal-inċident f'paġ. 39 tal-proċess, u t-*Traffic Accident Report* mmarkata bħala Dok. "MA2" fejn hemm ammissjoni tat-tort mill-imħarrek f'paġġ. 46-51 tal-proċess
[21] Dan jikkonfermah il-kirurgu Ray Gatt fix-xhieda tiegħu f'paġ. 60 tal-proċess
[22] Ara x-xhieda tal-attriċi in kontro-eżami f'paġ. 109 tal-proċess
[23] Ara Dok. "A1" f'paġ. 124 tal-proċess
[24] Ara r-rapport mediku mħejji mill-kirurgu Frederick Żammit Maempel fl-14 ta' April, 2010 li kopja tiegħu tinstab f'paġġ. 129 – 131. Ara wkoll ix-xhieda ta' Mr Frederick Żammit Maempel f'paġġ. 154 – 158 tal-proċess
[25] Ara r-rapport tal-espert mediku f'paġġ. 67 – 71 tal-proċess

Illi, għar-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed mill-imħarrkin, diġa' ngħad li din ingħelbet bis-saħħa tad-degriet li bih saru t-tibdiliet u t-tiswijiet meħtieġa fir-rikors promotur;

Illi Citadel tqanqal l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi, u fil-fehma tal-Qorti din għandha tiġi mistħarrġa l-ewwel. Kemm-il darba din l-eċċezzjoni tirriżulta illi hija tajba, dan iwassal biex l-azzjoni kontra Citadel taqa'. Citadel issejjes din l-eċċezzjoni tagħha fuq l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi kif ġie ritenut diversi drabi minn dawn il-Qrati, il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni għal danni li ma jkunux kaġunati b'reat, hija applikabbli biss fil-każ ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kontrattwali[26]. F'azzjoni ta' danni kagunati minħabba inadempjenza kuntrattwali, il-preskrizzjoni hija waħda ta' ħames snin[27];

Illi l-attriċi qiegħda titlob riżarciment ta' danni msejsa fuq xilja ta' ħsara mnissla minn aġir ħażin jew irresponsabbli li għalih għandu jwieġeb l-imħarrek. L-azzjoni għaldaqstant mhix waħda marbuta ma' ksur ta' obbligu li joħroġ minn kuntratt bejn il-partijiet u għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn u mhux ta' ħames snin;

Illi minħabba li f'din il-kawża l-preskrizzjoni mressqa minn Citadel hija waħda estintiva tal-azzjoni attriċi, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt. Għaldaqstant l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili għandu jinqara wkoll fid-dawl tal-artikolu 2137 tal-istess Kodiċi li jgħid li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-azzjoni tkun setgħet tinbeda. Il-ħarsien ta' din ir-regola hu wieħed bażiku, tant li huwa dottrinalment aċċettat li l-impossibilita` li wieħed jaġixxi trid tkun impossibilita` indipendenti mir-rieda ta' dak li jkun, dovuta għal kawża barranija minnu, li huwa ma setax iwarrab[28];

Illi dan il-prinċipju jinbena fuq il-massima li *actione non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere...*"[29]. U band'oħra jżidu jgħidu illi *"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre*

---

[26] P.A. **9.1.1953** fil-kawza fl-ismijiet ***Stivala vs Colombo*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.622**)
[27] App. Ċiv. **27.4.1953** fil-kawza fl-ismijiet ***Micallef vs Cassar*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.140)**
[28] App. Kumm. **15.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard et noe vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XLIX.i.500**)
[29] cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione (Cap XII, §364 , paġ. 279).

*evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*"[30];

Illi, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita[31];

Illi min-naħa l-oħra, ladarba tkun stabbilita d-data li minnha 'l quddiem tnisslet il-ħsara u beda għaddej iż-żmien preskrittiv, iċ-ċirkostanza dwar jekk il-parti mġarrba kenitx taf jew le li dik il-ġrajja seħħet ma tkunx rilevanti biex il-Qorti tqis jekk dak iż-żmien għaddiex jew għalaqx. Dan jingħad għaliex, fid-dawl tat-tagħlim imsemmi hawn fuq, "*Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jgħodd minn meta ssir il-ħsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-ħsara. Fil-kawża* ***Xuereb v Agius****, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih". It-test huwa wieħed oġġettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-ħsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża* ***Mohnani v. Stivala****, deċiża fil-11 ta' Ġunju, 2010, qalet: "…….. jibda biex jiġi reġistrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodiċi Ċivili, "bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u ċioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni" ("****Raphel Micallef -vs- Anthony Agius****", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbagħad, "iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("****Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo****", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Jannar 1953")*[32]";

Illi, minkejja dan, tibqa' dejjem tgħodd ir-regola li l-parti li tqanqal l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tippruvaha kif imiss u li, f'każ ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti. Minbarra dan, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-azzjoni attriċi għandha tiġi miċħuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita[33];

---

[30] *Op. cit.* §393-*bis*, paġ 306
[31] App. Ċiv **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)
[32] App. Ċiv. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi Estates Ltd vs Frank Borda et***
[33] App. Ċiv. **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)

Illi mill-atti joħorġu żewġ dati, dik tal-jum meta seħħ l-inċident, jiġifieri l-erbgħa u għoxrin (24) ta' April, 2008, u dik tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Frar, 2010, indirizzata lill-imħarrek Vella iżda mhux ukoll lil Citadel;

Illi minn dawn il-fatti joħroġ ċar li għall-finijiet tal-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, iż-żmien meta l-azzjoni attriċi setgħet titressaq kien minn dakinhar tal-ħabta. Minbarra dan, minħabba li ma jidhirx li l-għemil tal-imħarrek kien iwassal għal reat, jgħodd iż-żmien imsemmi fl-artikolu 2153 tal-istess Kodiċi li Citadel tabilħaqq issejjes l-eċċezzjoni tagħha fuqu. Joħroġ ċar ukoll li sa dakinhar li Citadel laqgħet in-notifika tal-atti tal-kawża, ma kienet intbagħtet l-ebda interpellanza ġudizzjarja lil Citadel mingħand l-attriċi[34];

Illi wara li qieset dawn il-fatti u konsiderazzjonijiet legali kollha, il-Qorti tasal għall-fehma illi l-eċċezzjoni mressqa minn Citadel hija tajba u għandha tintlaqa' u li, fil-konfront tal-istess eċċipjenti, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>kwestjoni ta' min jaħti għall-ħabta</u> diġa, ngħad li l-imħarrek xehed u stqarr li kien hu li baqa' dieħel fil-karozza tal-attriċi minn warajha. Jekk wieħed jikkunsidra l-ħin tal-jum meta seħħet il-ħabta u l-fatt li dakinar l-art ma kinitx imxarrba bl-ilma tax-xita jew b'xi żlieq, dan juri li l-imħarrek Vella kien naqas milli jara kulma kien qiegħed iseħħ madwaru ("*proper look-out*") u li kellu kontroll tal-vettura li kien qiegħed isuq. Dawn huma żewġ ħtiġijiet ewlenin li kull sewwieq irid juri biex jeħles minn fuqu l-ħtija ta' inċident li jkun imdaħħal fih;

Illi hawnhekk jidħol fis-seħħ prinċipju ieħor dwar il-ħtija f'ħabta. Dan huwa l-preżunzjoni tal-ħtija fuq is-sewwieq li jkun wara vettura oħra. Hemm xi fehmiet li jgħidu li f'każ ta' ħabta bejn vetturi li jkunu mexjin wara xulxin huwa dejjem is-sewwieq li jkun fuq wara li jaħti għall-ħabta billi huwa fid-dmir li jara sewwa x'ikun għaddej quddiemu[35]. Minbarra dan, il-ħtija ta' sewwieq li jkun jinsab fuq wara ta' vettura oħra tintrabat mal-bogħod xieraq li jkun inżamm mill-vettura li tkun quddiem: b'mod li jekk ma jinżammx dan il-bogħod, allura f'każ ta' ħabta l-ħtija terġa' lura fuq is-sewwieq ta' wara li jkun ġab lilu nnifsu f'qagħda li ma setax jevita l-ħabta[36];

Illi madankollu, hemm xi ċirkostanzi fejn l-ebbusija ta' din ir-regola taqa' jekk ikun hemm element ta' kontributorjeta' tas-sewwieq li jkun fuq

[34] Xhieda ta' Dr Alexia Aquilina f'paġ. 122 tal-proċess
[35] P.A. AJM **3.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance Agency Ltd et vs Charles Sciberras***
[36] P.A. AJM **20.3.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance Agency Ltd et vs David Peter Elden***

quddiem. Imma biex ikun hemm ħtija kontributorja jeħtieġ jintwera (minn min jallegaha) li kien hemm tassew ħtija min-naħa tal-parti li tippretendi d-danni li tkun tali li, mingħajrha, l-inċident ma kienx iseħħ. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha ma nġabet l-ebda prova li turi li l-attriċi b'xi mod kienet taħti għal xi sura ta' mġiba kontributorja. Għall-kuntrarju, mill-provi mressqa, għandha titwemmen il-verżjoni tagħha li hija kienet wieqfa tistenna li jinbidlu d-dwal x'ħin l-imħarrek Vella baqa' dieħel fiha;

Illi għalhekk, l-ewwel talba attriċi tidher li hija mistħoqqa safejn trid li l-imħarrek Vella waħdu jaħti għall-ħabta li ġrat;

Illi dwar il-likwidazzjoni tad-danni, il-liġi trid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha[37], u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[38]. Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor[39];

Illi l-ħsara li persuna negliġenti trid twieġeb għaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil; (b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (ċ) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (d) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilita' dejjiema kawżata minn dak l-għamil[40];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-attriċi qed tippretendi biss kumpens dwar in-nuqqas jew telf li sejra ġġarrab minħabba li baqgħet ma fiqitx għal kollox mill-ġrieħi li ġarrbet fl-inċident ('*lucrum cessans*'). Hija ma ressqet l-ebda provi dwar infieq jew ħsara attwali('*damnum emergens*'). Il-Qorti qieset bir-reqqa l-provi mressqin mill-attriċi dwar l-ilmenti tagħha u jidhrilha li hemm rabta bejn l-inċident u l-effetti li dak l-inċident ħalla fuq l-attriċi wara l-ħabta. Mit-*Traffic Accident Report*[41] meħud flimkien mal-fehmiet tal-espert mediku mqabbad mill-Qorti[42], il-Qorti tasal għall-fehma li d-debilita' fiżika seħħet fil-ħin tal-ħabta u kienet effett dirett tagħha. Huwa minnu li Citadel tqajjem l-argument li ma jistax ikun li l-attriċi tgħid li tassew ġarrbet xi debilita' minħabba l-inċident[43],

---

[37] Art. 1031 tal-Kap 16
[38] Art. 1032(2) tal-Kap16
[39] Art. 1033 tal-Kap16
[40] Art. 1045(1) tal-Kap16
[41] Dok. "MA2" f'paġġ. 46-49 tal-proċess
[42] Rapport Mediku f'paġġ. 67 – 71 tal-proċess
[43] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhaf'paġ. 172 tal-proċess

meta ntwera li hija kienet diġa' qiegħda tbati minn artrite sa minn qabel l-inċident. Hija tgħid li l-Qorti jmissha toqgħod fuq il-fehma murija mill-espert imqabbad minnha *ex parte* li, meta ra lill-attriċi, wasal għall-fehma li ma kienet ġarrbet l-ebda debilita'[44];

Illi l-Qorti tqis li dan il-fatt waħdu ma jwassalx biex b'daqshekk jista' jingħad li l-attriċi ma ġarrbet l-ebda effett minħabba l-ħabta jew li, għaliex seta' kellha kundizzjoni, id-daqqa li qalgħet ma jmisshiex titqies li żiditilha l-effetti fuq il-kundizzjoni li diġa' kellha;

Illi din iċ-ċirkostanza raha wkoll l-espert mediku maħtur mill-Qorti u taha l-piż xieraq tagħha meta ġie biex ifassal il-grad ta' debilita' li l-attriċi ġarrbet minħabba l-ħabta. Ta' min jgħid li kien minkejja li l-attriċi diġa' kellha l-artrite dakinhar tal-inċident li l-espert sab li hija xorta waħda sofriet debilita' li ma tgħaddix minħabba fl-istess inċident;

Illi għal dak li **jirrigwarda l-kejl tal-*lucrum cessans***, l-attriċi jidher li torbot din il-pretensjoni tagħha mal-fatt li ma tistax tagħmel ċertu movimenti[45] li wassluha biex kellha tieqaf mix-xogħol li kienet taħdem fih;

Illi ladarba l-Qorti sejra toqgħod fuq il-fehma tal-perit mediku maħtur minnha (u li wkoll wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu in eskussjoni mill-attriċi) hija sejra tadotta l-perċentwali ta' debilita' li ma tgħaddix fil-grad ta' wieħed fil-mija (1%)[46];

Illi biex il-Qorti tasal għall-kumpens xieraq li l-attriċi għandha tingħata, il-Qorti trid tqis it-telf ta' qligħ li l-attriċi setgħet batiet diġa' minn dak inhar tal-inċident sal-lum[47], u dak li se' jkollha tbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita' għal dejjem li hija ġarrbet fl-inċident mertu tal-każ;

Illi l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunita' għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[48];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, it-telf ta' qligħ mġarrab u dak tal-ġejjieni jrid jiġi mistħarreġ fil-kuntest li l-attriċi kellha l-eta` ta' erbgħin (40) sena meta seħħ l-inċident u kellha impieg;

---

[44] Ara Dok f'paġġ 129 sa 131 tal-proċess
[45] Ara r-Rapport Mediku fil-parti taħt "storja" u "ilmenti preżenti" f'paġġ. 68-69 tal-proċess
[46] 1% debilita fiżika
[47] PA JSP 31.1.1995 fil-kawżafl-ismijiet Vincent Cutajar vs. Alfred Scicluna (mhux appellata)
[48] App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt v. Carbone noe (Kollez. Vol: LXXXII.ii.242)

Illi tidħol hawnhekk ukoll konsiderazzjoni tal-kejl tal-*multiplier* li għandu jintuża biex jitqies l-ammont tal-kumpens mistħoqq. Huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant, li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[49]. Mandankollu, huwa daqstant minnu li l-kejl tal-*multiplier* intuża wkoll mill-Qrati tagħna fejn l-eta' tal-persuna korruta kien qabeż l-eta' tal-irtirar mix-xogħol u minkejja li l-vittma ma kenitx taħdem bi qligħ minnufih qabel l-inċident[50]. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, u bi tqabbil ma' każijiet oħra li jixxiebhu, il-Qorti sejra tadotta multiplier ta' tmintax-il (18) sena;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir f'daqqa (dak li jissejjaħ '*lump sum payment*'), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[51]. F'dan il-każ, l-attriċi fetħet il-kawża tliet (3) snin wara l-inċident, u għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis proporzjonat skond ir-regoli mħaddna li mis-somma titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa dakinhar li tingħata s-sentenza[52]. Għalhekk, sejjer isir tnaqqis ta' tnax fil-mija (12%) mis-somma ta' danni likwidati;

Illi dak in-nhar li seħħ l-inċident, l-attriċi kellha dħul mill-impieg tagħha li juri li fuq medda ta' sitt xhur, minn Ottubru tas-sena 2007 sa April tas-sena 2008, kellha dħul gross ta' tlett elef mitejn erbgħa u sittin ewro, erbgħa u disgħin ċenteżmu (€3264.94). Dan l-ammont kien jgħodd fiħ is-somma ta' tliet mija ħamsa u sebgħin ewro u erbatax-il ċentezmu (€375.14) bħala kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Soċjali. Għaldaqstant, l-ammont nett fuq medda ta' sitt (6) xhur huwa dak ta' elfejn tmien mija disgħa u tmenin ewro, u tmenin ċenteżmu (€2889.80). Fuq medda ta' sena, id-dħul gross kien ikun ta' madwar ħamest elef seba' mija disgħa u sebgħin ewro, u sittin ċenteżmu (€5779.60), li minnhom jitħallas l-ammont ta' seba' mija u ħamsin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€750.23) bħala kontribuzzjoni ta' Sigurta Soċjali, li jħalli dħul nett fl-ammont ta' ħamest elef disa' u għoxrin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€5029.32);

[49] P.A. JZM 13.7.2010 fil-kawża fl-ismijiet Jeffrey Caruana vs. Carmel Montesin (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-30.5.2014)
[50] Ara PA AJM 4.10.1995 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Smith vs Peter Grech (mhux pubblikata) u P.A. AE 25.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Conti et vs Salvu Mifsud. Ara wkoll P.A. GV 12.7.2002 fil-kawża fl-ismijiet Saviour Sammut vs Robert Demanuele fejn il-Qorti qieset li l-kejl xieraq tal-multiplier m'għandux jintrabat bl-għama mal-kriterju tal-ħajja lavorattiva tal-vittma
[51] App. Ċiv. 27.2.2004 fil-kawża fl-ismijiet Annunzjata Caruana vs. Odette Camilleri
[52] Ara, fost oħrajn, P.A. JSP 30.3.1993 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Abela vs. Martin Spagnol u App. Ċiv. 3.2.2009 fil-kawża fl-ismijiet Luana Deguara vs Judas (Gudio) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmisshom jitħallsu lill-attriċi bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) fis-somma ta' seba' mija sitta u disgħin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€796.67)[53];

Illi l-attriċi qegħda titlob wkoll il-ħlas tal-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata, u b'sostenn ta' dan jirriżulta li l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-imħarrek Vella f'Marzu tas-sena 2010[54];

Illi huwa minnu bħala prinċipju *in illiquidis non contahitur mora*, iżda dan il-Qorti tilqa' dik id-dottrina li tgħid li dan il-prinċipju jgħodd sakemm id-dewmien ma jkunx jaħti għalih id-debitur interpellat[55]. Din l-eċċezzjoni tapplika wkoll fejn l-ammont likwidat ikun anqas minn dak mitlub speċifikatament fl-att li bih tkun infetħet il-kawża[56];

Fil-każ preżenti, jirriżulta lill-Qorti li l-imħarrek kien laqa' n-notifika tal-ittra uffiċjali mibgħuta lilu mill-attriċi fit-3 ta' Marzu, 2010, fejn talbet sabiex jaċċetta l-ħtija tiegħu għall-inċident u biha għarrfitu wkoll bid-dannu li ġarrbet. Jirriżulta wkoll illi l-imħarrek ma weġibx għal dik l-ittra;

Illi fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis li l-attriċi tatha raġuni tajba għalfejn qiegħda titlob l-imgħax mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa t-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-kumpannija mħarrka u ssib li l-azzjoni attriċi safejn tirrigwarda lill-istess kumpannija mħarrka waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn, u għalhekk tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha;

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari** ta' l-imħarrkin Vella u Citadel Insurance p.l.c. fid-dawl tal-korrezzjoni awtorizzata skond degriet tal-Qorti tas-26 ta' Ottubru, 2011;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrek Vella waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fl-24 ta' April, 2008, fi Triq Sant'Andrija, fis-Swieqi, limiti ta' San Ġiljan, meta baqa' dieħel bil-karozza misjuqa minnu ġol-karozza li kienet misjuqa mill-attriċi;

---

[53] (€5029.30 x 18 x 0.01 = €905.27) – (€905.27 x 0.12 = €108.63) = €796.67
[54] Ara paġġ. 124 – 5 tal-proċess
[55] Ara Giorgi <u>*Delle Obbligazioni*</u>. Ara wkoll App. Ċiv. **23.6.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona pro et noe vs. Asphar et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.181**)
[56] Kumm. **15.1.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Buttiġieġ vs. Said*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.599**)

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-attriċi fis-somma ta' seba' mija u sitta u disgħin euro u sebgħa u sittin ċenteżmi (€796.67);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek Vella jħallas lill-attriċi s-somma ta' seba' mija u sitta u disgħin euro u sebgħa u sittin ċenteżmi (€796.67), bħala danni hekk likwidati, flimkien mal-imgħax legali b'seħħ mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek Vella bħala mhux mistħoqqa; u

**Tordna** lill-imħarrek Vella jħallas **l-ispejjeż** tal-kawża, ħlief dawk tal-kumpannija mħarrka li trid tħallashom l-attriċi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**28 ta' Ġunju, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**28 ta' Ġunju, 2017**